# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta’ Marzu, 2001**

**Numru 66**

**Citaz. Nru. 2586/99GV**

**Doc. Nru. 37-01**

**Simonds Farsons Cisk p.l.c.**

**vs**

**Doris Celeste**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta’ attrici ippremettiet illi bi skrittura li ggib id-data tal-ewwel (1) ta’ Frar, 1996, id-ditta attrici ghaddiet lill-konvenuta is-somma ta’ elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500), filwaqt li l-konvenuta, li kienet tigestixxi l-istabilliment maghruf bl-isem ta’ Laura’s Place Bar, Birzebbuga, obbligat ruhha “not to sell, exhibit or put up for sale any beers, soft drinks, mixers, fruit juices and table waters except those beers, soft drinks, mixers, fruit juices and table waters produced or marketed by the Company”, cioe’, ta’ dik attrici, u dana ghall-perjodu mehtieg sakemm il-konvenuta tiskonta s-somma moghtija lilu b’discounts fuq prodotti mixtrija minghand id-ditta attrici;

Premess illi l-konvenuta kisret dan il-ftehim u, ghalhekk, il-konvenuta ghandha titqies li ddekadiet mill-beneficcju tat-terminu moghti lilha u ghandha tigi kkundannata thallas kull bilanc dovut;

Premess illi mill-imsemmija somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500), il-konvenuta ma lahqet skontat xejn u ghalhekk, trid tirrifondi s-somma ta' elf, tmien mija u tnax-il lira u sebgha u hamsin centezmu (Lm1,812.57);

Premess illi l-konvenuta interpellat biex thallas din is-somma, anke ufficjalment, baqghet inadempjenti;

Premess illi l-konvenuta m'ghandhiex eccezzjoni xi ggib kontra t-talba ghall-hlas;

Previa d-dispensa tas-smiegh tal-kawza in vista tad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, is-socjeta' attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti,:

1. Tiddikjara li l-konvenuta agixxiet bi ksur tal-ftehim fuq imsemmi u ghandha, ghalhekk, tirrifondi lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta' elf, tmien mija u tnax-il lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm1,812.57), u konsegwentement;

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta' elf, tmien mija u tnax-il lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm1,812.57) dovuti lilha kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tad-dsatax (19) ta' Ottubru, 1998 u bl-imghaxijiet legali tat-8% (tmienja fil-mija) mid-data tal-imsemmija ittra ufficcjali, kontra l-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Doris Celeste a fol 16 fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament in-nullita' tac-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici stante li r-riferenza ghall-konvenuta hu dejjem fil-maskil;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, id-debitu mhux dovut kif pretiz mis-socjeta' attrici stante li l-iskrittura msemmija ta' l-ewwel (1) ta' Frar, 1996, hi nulla u bla effett fil-ligi ghaliex din ma kienetx iffirmata skond kif jirrikjedi s-subart. (2) ta' l-art. 1322 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, dik l-istess skrittura hi nulla u bla effett fil-ligi wkoll peress li tmur kontra l-Att XXXI ta' 1994, l-Att dwar il-Kompetiizzjoni.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara li l-konvenuta agixxiet bi ksur tal-ftehim tal-ewwel (1) ta' Frar, 1996 u ghalhekk ghandha tirrifondi lid-ditta attrici s-somma ta' elf, tmien mija u tnax-il lira Maltin u sebgha u hamsin centezmi (LM 1812.57) u ghaliex m'ghandiex il-konvenuta tigi kkundanata thallas dana l-ammont lid-ditta attrici.

**ECCEZZJONIJIET**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta giet sorvolata bil-korrezzjoni a fol 20;

Il-konvenuta eccepiet inoltre li id-debitu mhux dovut stante li l-iskrittura imsemmija hi nulla u bla effett ghaliex ma kienitx iffirmata skond kif jirrikjedi is-subart (2) tal-art 1322 tal-Kap 16;

l-istess skrittura hija nulla wkoll peress illi tmur kontra l-Att XXX1 tal-1994 dwar il-Kompetizzjoni.

**PROVI**

**Dr. Andre' Camilleri**, segretarju tad-ditta attrici, xehed li kienu ghamlu ftehim kummercjali mal-konvenuta fis-sens li tawha elfejnu hames mitt lira Maltin (LM 2,500) li hija kellha tiskonta billi tixtri prodotti taghhom u mal-istess agreement kien hemm miftiehem l-iskont li jinghata fuq kull prodott. Meta l-konvenuta ma baqghetx tmexxi l-hanut hi, ma riditx tirrifondi l-flus lura li kien baqalha taghti.

Il-hanut kienet tmexxieh totalment hi ghalhekk m'ghamlux ftehim mar-ragel taghha wkoll. Ir-ragel taghha qatt ma kien jidher. Dwar il-Competition Act, meta dina harget fl-1996, il-ministru kien hareg erba' (4) legal notices bi ftehim u wahda minnhom kienet tispecifika li jista' jsir bejgh esklussiv ta' supplier partikolari sakemm hemm beneficcju kummercjali ghal min qed jintrabat. Huma ghamlu l-agreement fil-parametri li tippermetti l-ligi u mhux izjed. Huma ma mponewx penali.

**Alfred Tonna,** accounts manager, xehed li l-konvenuta fadlilha taghti s-somma ta' elf, tmien mija u tnax-il lira Maltin u sebgha u hamsin centezmi (Lm 1,812.57) skond statement Dok AT fol 25. Dan hu l-bilanc li fadal. Il-konvenuta m'ghadhiex topera dan il-hanut.

**Il-konvenuta** xehdet li l-kuntratt ma' Farsons kienet iffirmatu hija biss. Kienu tawha elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm 2,500) u dawn kellhom jithallsu bil-commissions dovuti lilha minghand Farsons. Hi kienet ghaddiet minn problemi finanzjarji u personali u kellha titlaq mill-business.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dwar l-ammont mhemmx kontestazzjoni li hu dovut.

Il-konvenuta eccepiet li d-debitu mhux dovut stante li l-iskrittura imsemmija hi nulla u bla effett ghaliex ma kienitx iffirmata skond kif jirrikjedi s-sub art (2) tal-art 1322 tal-Kap 16.

Dana s-sub artikolu jipprovvdi li l-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liz-zewg mizzewgin flimkien.

Dr. Andre' Camilleri xehed li l-hanut kien gestit unikament mill-konvenuta u zewgha qatt ma deher. Ghalhekk dana ma kienx iffirma fuq il-kuntratt.

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-artikolu 1324 tal-Kap 16 fejn jipprovvdi li atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni, anke fejn dawk l-atti.. kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.

Fil-kaz in ezami n-negozju kien gestit unikament mill-konvenuta, ghalhekk japplika dana l-artikolu u l-eccezzjoni tal-konvenuta ma tistax tigi milqugha.

L-eccezzjoni l-ohra tal-konvenuta hija fis sens li l-istess skrittura hija nulla peress illi tmur kontra l-Att XXX1 tal- 1994 dwar il-Kompetizzjoni.

Dwar dina l-eccezzjoni Dr.A.Camilleri xehed li meta harget il-Competition Act fl-1996, il-ministru kien hareg erba' (4) legal notices bi ftehim u wahda minnhom kienet tispecifika li jista' jsir bejgh esklussiv ta' supplier partikolari sakemm hemm beneficcju kummercjali ghal min qed jintrabat. Huma ghamlu l-agreement fil-parametri li tippermetti l-ligi u mhux izjed. Huma ma mponewx penali.

Il-konvenuta qed tissottometti li l-Competition Act ma tippermettiex li jsiru kuntratti bhat-tip li ghamlu l-atturi maghha. Il-ftehim bejn il-partijiet kien sar fl-ewwel (1) ta' Frar, 1996. Fil-Legal Notice 148/96 dwar regolamenti dwar l-ezenzjonijiet generali ghall-ftehim esklusiv, gie provvdut li kull ftehim esklussiv li kien sar qabel il-wiehed u tletin (31) ta' Lulju, 1996 u li kien ghadu jsehh wara dik id-data, u li jkun ftehim li jaqa' taht il-katergorji elenkati hawn taht ghandu jkun ezenti mid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att 31/1994 dwar il-Kompetizzjoni.

(a) ftehim dwar Distribuzzjoni Esklussiva

(b) ftehim dwar Xiri Esklusiv

(c) Franchising Agreements

(d) Ftehim dwar Birra u Xorb.

Illi l-ftehim bejn il-partijiet hu wiehed minn dawk ezentati u ghalhekk l-art 5 tal-Competition Act ma japplikax. Ara wkoll il-Legal Notice 152/1996 dwar ezenzjonijiet generali ghall-ftehim ta' xiri esklusiv dwar Birra u Xorb.

Inoltre fil-kaz in ezami l-konvenuta nghatat elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm 2,500) li kellha thallas lura bil-commissions li kienu jaghtuha l-atturi. Hi ma hallsitx lura ghax kienet sabet ruhha f'diffikultajiet finanzjarji u qatt ma kienet semmiet ma' l-atturi li l-kuntratt kien null jew li ma riditx toqghod ghat- termini ta' dak il-kuntratt. Hi fil-fatt irceviet commissions u esegwiet il-kuntratt. (Ara Art

789(2) tal-Kap 12) Inoltre l-ftehim li bih intrabtet il-konvenuta kien a beneficcju kummercjali taghha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' it-talba attrici bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**